# Kwadru tal-Martirju ta' San Pietru fil-Bażilika tan-Nadur

informazzjoni ta' Mario Fenech



Huma ħafna dawk il-Knejjes li fihom niltaqgħu ma' kwadri nteressanti ta' San Pietru. Uħud minn dawn il-kwadri naraw fihom episodji mill-ħajja mqanqla ta' dan il-qaddis kbir. Fi kwadri oħrajn naraw ix-xena tal-martirju kiefer tiegħu.

Wieħed minn dawn il-kwadri nsibuh fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur Għawdex. Kwadru sabiħ ferm, xogħol ta' l-artist Dun Carlo Dimech li għamel diversi kwadri oħrajn għal din l-istess Bażilika tan-Nadur.

Hemm min jgħid li dan l-artist Dimech kien minn Ħaż-Żebbug Malta – wild ġo familja tat-tajjeb. Kien mar jgħix Għawdex fir-raħal tan-Nadur għal raġunijiet ta' saħħa, fejn dam sakemm miet nhar it-22 ta' Ġunju 1766 u ndifen fl-istess Bażilika.

Ma' dan il-kwadru tal-martirju ta' San Pietru huwa pinġa wkoll dak tal-martirju ta' San Pawl għall-istess knisja – t-tnejn fis-sena 1750. Pinġa wkoll il-kwadri ta' l-erba' evanġelisti li jinsabu fl-Awla Kapitulari tal-Knisja.



Xogħol ieħor importanti li għamel dan l-artist huwa l-kwadru titulari tal-Bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra, Għawdex. Dan sar fis-sena 1744, sitt snin qabel ma għamel dan il-kwadru. Nistgħu ngħidu li dan l-artist kien kapaċi joħloq ix-xena skond dak li tkun tirrifletti l-ġrajja. Fejn fil-kwadru tax-Xagħra naraw xena kollha serenita' u wċuħ ta' ferħ waqt it-Twelid tal-Madonna, fil-kwadru tan-Nadur nsibu xena kollha qilla u tbatija.

Fil-kwadru tal-Martirju ta' San Pietru naraw il-kapaċita' li kellu dan Dimech fejn tidħol l-anatomija, speċjalment fil-korp ta' San Pietru.

Hawnhekk l-artist żamm mat-tradizzjoni li aħna mdorrijin biha, dik li dan il-qaddis kien ta' statura xi ftit goffa. L-erba' manigoldi li qegħdin iħejju lil San Pietru għall-mewt tiegħu huma ppreżentati mill-artist b'mod li jkomplu jżidu mal-kefrija ta' din ix-xena.

Dettal importanti huwa dak tas-swaba' ta' l-idejn tal-qaddis u l-elmu ta' wieħed mill-manigoldi li jfakkarna fil-kwadri ta' Preti. Ta' min jgħid li jidher fiċ-ċar sew kemm dan l-artist Dimech kien jimxi fuq il-linji artistiċi ta' dan il-pittur li ħallielna bosta kwadri ta' valur artistiku kbir, speċjalment fit-tattika tal-kulur *chiaroscuro*.

Il-mod li bih l-artist pinġa din ix-xena huwa wieħed ferm movimentat – b'wieħed mill-irġiel qiegħed jara li s-salib jidħol sew fil-ħofra mħejjija, żewġ irġiel oħra qegħdin jarbulaw is-salib filwaqt li r-raba' raġel qiegħed jagħmel l-aħħar irbit ta' idejn San Pietru mal-għuda tal-mewt tiegħu.

Kwadru li permezz tiegħu nistgħu nirriflettu fit-tul dwar dan il-qaddis kbir.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.